MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF
NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2013

Appell Civili Numru. 39/2011/1

**Philip Gauci u Carmelo Gauci u b'digriet tat-12 ta' Marzu 2012
l-atti ġew trasfużi f'isem uliedu Mariella Gauci u Paul Gauci
bħala eredi universali tiegħu stante li l-istess Philip Gauci
miet fil-mori tal-kawża; u b'digriet tal-5 ta' April 2012
l-atti ġew trasfużi wkoll f'isem Saverina Gauci**

**v.**

**Alfred Gauci u Charles Gauci**

**Preliminari**

**1.** Dan huwa appell ad istanza tal-konvenuti Alfred Gauci u Charles Gauci mis-sentenza mogħtija mill-Prim’ Awla tal-Qorti Ċivili fis-26 ta’ Novembru 2012 li permezz tiegħu qed jitolbu lil din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata billi, filwaqt li tilqa’ l-eċċezzjonijiet tagħhom, tiċħad it-talbiet tal-atturi appellati bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tagħhom.

**2.** Għal intendiment aħjar ta’ dan l-appell is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti qegħda tiġi hawnhekk riprodotta fl-intier tagħha:
“**Il-Qorti;**

“Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fl-14 ta’ Jannar 2011 fejn ġie premess:

“Dikjarazzjoni dwar l-oġġett tal-kawża

“Illi l-esponenti għandhom il-pussess t’għalqa fil-kontrada magħrufa bħala ta’ Għajn Kellija, limiti tar-Rabat, Malta.

“Illi fl-10 ta’ Diċembru 2010, jew fil-jiem immedjatament qabel, il-konvenuti jew min minnhom invadew il-proprjeta’ fuq imsemmija fil-pussess tal-esponenti, u dan billi tefgħu l-ħamrija fl-istess proprjeta’ u mmodifikaw ħajt tas-sejjiegħ b’tali mod li ġie usa u / jew aktar ’il barra milli kien, b’konsegwenza li l-proprjeta’ posseduta mill-esponenti ċkienet.

“Raġunijiet tat-Talbiet

“Illi l-aġir tal-konvenuti jew min minnhom manifestament huwa wieħed abbużiv u jammonta għal spoll riċenti u privileġġjat fis-sens kif irid l-Artikolu 535 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta.

“Illi l-konvenuti ntalbu sabiex iqegħdu kollox għall-istat pristinu tiegħu b’mod li l-esponenti jiġu ri-integrati fil-pussess tal-art kollha posseduta minnhom, pero’ dan kollu

kien inutli, anzi baqgħu jippersistu b'dan l-aġir għal kollox illegali u abbużiv.

"<u>Talbiet</u>

"Għaldaqstant l-esponenti qegħdin bil-qima jitolbu li dina l-Onorabbli qorti jogħġobha għar-raġunijiet fuq premessi:

"1. Tiddikjara li l-aġir tal-konvenuti jew min minnhom kif fuq spjegat jikkostitwixxi *di fronte* tar-rikorrenti spoll riċenti u privileġġjat, u dan fit-termini ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 535 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

"2. Tikkundanna u tordna lill-istess intimati jew min minnhom sabiex fi żmien qasir u perentorju *occorrendo* bin-nomina ta' periti nominandi jqiegħed l-imsemmija proprjeta' għall-istat pristinu tagħha, qabel ma wettqu l-atti fuq imsemmija, u li jirrintegraw lir-rikorrenti fil-pussess tal-proprjeta' sħiħa.

"3. Fin-nuqqas li l-konvenuti jew min minnhom jagħmlu dak lilhom ordnat fiż-żmien lilhom prefiss, ir-rikorrenti jiġu awtorizzati sabiex a spejjeż tal-istess konvenuti jew min minnhom jagħmlu dawk ix-xogħlijiet kollha neċessarji taħt is-superviżjoni tal-periti nominati mill-Qorti għall-fini tat-tieni talba, u ċjoe' sabiex l-esponenti jiġu re-integrati fil-pussess tal-proprjeta' sħiħa minnhom posseduta.

"4. Tordna u tikkundanna wkoll lill-konvenuti jew min minnhom sabiex f'każ li x-xogħlijiet kollha neċessarji jsiru mill-esponenti kif mitlub fit-tielet talba, iħallsu dawk l-ispejjeż kollha li jinkorru sabiex iwettqu x-xogħlijiet neċessarji skond it-tielet talba, wara li liema spejjeż jiġu verifikati mill-istess perit nominat mill-Qorti.

"Bl-ispejjeż u bil-konvenuti minn issa nġunti in subizzjoni.

"Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

"Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti ppreżentata fis-16 ta' Frar 2011, li permezz tagħha eċċepew:

"Illi t-talbiet attriċi huma għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li l-intimati ma kkommettew l-ebda spoll, u ma jissussistux l-elementi rikjest mill-Liġi *ai termini* tal-Artikolu 535 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan kif ser jiġi pruvat aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża. Għaldaqstant it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess xhieda.

"Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenuti u l-lista tax-xhieda.

"Semgħet ix-xhieda prodotta, inkluż dik tal-partijiet.

"Żammet aċċess fuq l-ambjenti in kwistjoni;

"Rat id-digriet tagħha tat-12 ta' Marzu 2012 li permezz tiegħu l-atti ġew trasfużi f'isem ulied l-attur Philip Gauci *stante* l-mewt tiegħu fil-mori tal-kawża;

"Rat id-digriet tal-10 ta' Ottubru 2012 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza wara li l-Avukati rispettivi għamlu t-trattazzjoni tagħhom;

"Ikkunsidrat;

"Illi kif jidher ċar mir-rikors promotur din hija kawża ta' spoll. L-atturi qed isostnu illi l-konvenuti nvadew l-proprjeta' tagħhom billi tefgħu l-ħamriija u mmodifikaw il-pożizzjoni ta' ħajt li jaqsam il-proprjetajiet rispettivi tal-partijiet. Kif hu magħruf huma tlieta l-elementi rikjesti biex azzjoni ta' spoll tirnexxi, u ċjoe':

"1. il-pussess – ***possedisse****;*

"2. l-azzjoni spoljattiva li tkun saret bil-moħbi jew kontra l-volonta' tal-attur – ***spoliatum fuisse****;* u

"3. li l-azzjoni ssir fi żmien xahrejn minn meta jkun seħħ l-ispoll – ***infra bimestre deduxisse****.*

"Illi l-konvenuti qed jeċċepixxu ġenerikament illi l-azzjoni hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u l-konvenut Charles Gauci

partikolarment xehed li f'kull każ l-azzjoni attriċi ġiet intavolata ferm wara x-xahrejn imsemmija mill-liġi (artikolu 535 tal-Kodiċi Ċivili) minn meta sar l-imsemmi ċaqliq tal-ħajt.

"Illi fil-fehma tal-Qorti għalhekk il-kwistjoni prinċipali f'din il-kawża hija jekk ix-xogħol tal-ħajt sarx fit-terminu in kwistjoni għaliex il-konvenuti jammettu li sar il-ħajt iżda li dan sar xi snin qabel. Fil-kawża deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Mejju 1956 fl-ismijiet **"Vincenzina Cassar et vs Annetto Xuereb Montebello"** l-istess Qorti qalet illi:

*"Il-ġurisprudenza tat-Tribunali tagħna dejjem kienet kostanti fl-interpretazzjoni ta' dawn il-liġijiet fis-sens li l-azzjoni ta' spoll hija 'di ordine pubblico', unikament u esklussivament intiża biex timpedixxi li wieħed jagħmel ġustizzja b'idejh mingħajr l-intervent tat-Tribunal Ċivili u tipprevjeni l-konsegwenzi deplorevoli ta' aġir simili. Għalhekk il-liġi tivvjeta l-allegazzjoni ta' kwalsiasi eċċezzjoni li ma tkunx dilatorja kontra r-reintegrazzjoni u tiċċirkoskrivi l-eżami tal-Qorti għall-fatt biss tal-pussess u tal-ispoll denunzjat. Ir-reintegrazzjoni għandha dejjem tiġi ordnata mill-Qorti, kwantunkwe l-pussess jista' jkun vizjat u min jikkommetti l-ispoll ikun il-veru proprjetarju tal-ħaġa li minnha l-possessur tagħha jkun ġie spoljat."*

"Illi f'din is-sentenza l-Qorti ċċitat sentenza riportata fil-Volum XXXIII-ii-83 illi rriteniet *"che la reintegrazione dovra' essere dalla Corte ordinate, comunque viziato possa essere il possesso dell' attore, comunque il citato possa essere il vero propietario della cosa di cui l' attore avesse sofferto lo spoglio; sicche' l' indagine intormo alla legittimita' del possesso, da farsi in altra sede, tornerebbe oziosa in questo giudizio."*

"Illi fis-sentenza **"Delia vs Schembri"** (Prim' Awla – 4 ta' Frar 1958) ġie ritenut illi:

*"L-azzjoni ta' spoll iservi biex tipproteġi l-pussess, ikun x'ikun ... li jiġi vjolentement jew okkultament meħud mingħand il-possessur jew detentur u ġie deċiż kemm-il darba li tapplika wkoll għat-tutela tal-kważi pussess tad-*

*drittijiet legali u hija inerenti għall-fatt ta' min b'awtorita' privata ... jagħmel għad-dannu ta' terza persuna att li għalkemm jista' jkollu dritt għalih ma jistax jeżerċitah mingħajr intervent tal-Qorti."*

"Illi fi kliem **Pacifici Mazzoni** spoll vjolent huwa *"qualunque atto arbitrario che per forza privata si compia contro la volontarieta' dello spogliato"*. (Vol III Sez. 52).

"Illi kif ukoll intqal fil-kawża **"Margherita Fenech vs Pawla Zammit"** deċiża fit-12 ta' April 1958:

*"L-actio spolii hija radikata pjuttost fuq l-esigenzi ta' utilita' soċjali milli fuq il-prinċipju assolut ta' ġustizzja hija eminentement intiża l-protezzjoni ta' kwalunkwe pussess u jiġi impedut liċ-ċittadin privat li jieħu l-liġi f'idejh; b'mod li l-fini tagħha huwa dak li jiġi restawrat l-istat tal-pussess li jkun ġie skonvolt jew turbat."*

"Illi wieħed ukoll isib dikjarat illi:

*"Kif kellha okkażjoni tesprimi ruħha l-Onorabbli Qorti tal-Appell, l-indaġini li trid issir hija waħda limitatissima, rigoruża u skarna u ma tinsab f'ebda leġislazzjoni oħra, u kompliet tgħid illi għalhekk indaġinijiet bbażati fuq x'jgħidu u ma jgħidux ġuristi u awturi Franċiżi u Taljani huma għal kollox irrilevanti u inapplikabbli fil-kuntest tal-ordinament ġuridiku tagħna"* – Appell Ċivili – **"Cardona vs Tabone"** – deċiża fid-9 ta' Marzu 1992).

"Illi kif ingħad il-konvenut Charles Gauci qal fid-depożizzjoni tiegħu li l-ħajt sar xi seba' snin ilu (fol 54), u qal li l-istess atturi żammewlhom il-qisien. Madankollu l-Qorti ma tqisx din ix-xhieda attendibbli għal diversi raġunijet, iżda prinċipalment għaliex il-Qorti peress li żammet aċċess setgħet tara b'għajnejha x-xogħol u kien jidher ċar li l-ħajt inbena riċentement. *Oltre* dan il-partijiet jirriżulta li ilhom żmien twil kif ngħidu bil-Malti, *'imqabbdin ma' xulxin'* u jirrapportaw lil xulxin għal kull ħaġa u ma tantx titwemmen li l-atturi ma ħadux azzjoni meta sar il-ħajt u stennew is-snin biex jagħmlu dan. Fl-istess aċċess

kien ukoll evidenti għall-Qorti li l-ħajt iċċaqlaq mill-pożizzjoni li kien qabel.

"**DEĊIŻJONI**

"**Il-Qorti għaldawn il-motiv qed tiddeċiedi din il-kawża billi fir-rigward tat-talba attriċi:**

"**1. Tilqa' l-ewwel talba;**

"**2. Tilqa' t-tieni talba u tipprefiġġi terminu ta' xahar. Il-Qorti tinnomina lil A.I.C. Robert Musumeci biex f'kull każ jissorvelja x-xogħlijiet neċessarji;**

"**3. Tilqa' t-tielet talba b'dan li x-xogħol isir dejjem taħt is-superviżjoni tal-istess perit;**

"**4. Tilqa' r-raba' talba;**

"**L-ispejjeż tal-kawża jiġu sopportati mill-konvenuti.**"

**Rikors tal-appell tal-konvenuti Alfred Gauci u Charles Gauci:**

**3.** Il-konvenuti appellanti ħassew ruħhom aggravati bid-deċiżjoni tal-ewwel Qorti u għalhekk interponew dan l-appell minnha.

**4.** Huma jilmentaw illi minkejja li l-ewwel Qorti korrettament indikat it-tlett elementi neċessarji sabiex l-azzjoni ta' spoll tirnexxi, hija applikat dawn il-prinċipji għall-każ in kwistjoni erronjament.

**5.** Fir-rigward tat-tielet element ta' spoll isostnu illi dan ma ġiex ippruvat, u jħossuhom aggravati bl-osservazzjonijiet tal-ewwel Qorti meta qalet li jidher ċar li l-ħajt inbena riċentament u li fl-aċċess kien evidenti li kien tressaq mill-pożizzjoni li kien qabel. Huma jissottomettu li l-ewwel Qorti ma setgħetx tissostitwixxi ruħha minflok l-atturi appellati u tasal għal tali konklużjoni fin-nuqqas tal-atturi appellati li fil-fatt qatt ma raw lill-esponenti jew lil xi ħadd

inkarigat minnhom jagħmel tali xogħol fiż-żmien li sar l-allegat spoll.

**6.** Huma jibqgħu jinsistu illi mhux minnu li l-ħajt effettivament ġie imċaqlaq kif allegat mill-atturi. Jilmentaw li l-ewwel Qorti injorat għal kollox ix-xiehda ta’ Louis Agius li ikkonferma li kien hu li bena l-ħajt mertu tal-kawża xi seba’ snin ilu u ikkonferma wkoll li l-ħajt li hemm preżentement huwa dak li kien bena hu.

**7.** Jargumentaw illi l-atturi ma kinux konsistenti fix-xiehda tagħhom dwar iż-żmien meta sar l-ispoll in kwantu iddikjaraw li kienu ilhom xi għoxrin ġurnata ma jersqu fuq is-sit mentri fir-rapport tal-pulizija iddikjaraw li l-ħajt tressaq bejn l-1 ta’ Diċembru u l-10 ta’ Diċembru.

**8.** Jerġgħu jagħmlu riferenza għax-xiehda ta’ Louis Agius fejn qal li kien dam tlett ġimgħat jibni l-ħajt u jargumentaw illi biex wieħed iressaq tali ħajt bilfors li jrid iktar żmien minn hekk u għalhekk huwa ferm diffiċli li kieku sar l-allegat spoll li l-atturi ma rawx li qed isir xi xogħol, u dan kemm jekk l-allegat spoll sar bejn l-1 u l-10 ta’ Diċembru u kemm jekk kien ilhom ma jersqu għoxrin jum qabel id-data tar-rapport.

**9.** Finalment jilmentaw illi anke *dato ma non concesso* li effettivament sar l-att spoljattiv, mill-provi mressqa mkien ma jirriżulta li kienu huma li għamlu dan l-att allegat.

**<u>Risposta tal-atturi appellati Carmelo Gauci, Mariella Gauci, Paul Gauci u Saverina Gauci:</u>**

**10.** L-atturi appellati wieġbu biex jgħidu li s-sentenza hija ġusta u timmerita konferma.

**11.** Huma jinsistu li kuntrarjament għal dak allegat mill-konvenuti appellanti il-ħajt effetivament intmess u jgħidu li dan ippruvawh bi pjanta u ritratti.

**12.** Dwar il-prova ta’ meta seħħ l-att spoljattiv jagħmlu riferenza għax-xiehda ta’ Carmelo Gauci u Philip Gauci (llum mejjet) fejn xehdu dwar meta indunaw bl-att

spoljattiv. Jirreferu għax-xiehda ta' Carmelo Gauci fejn qal li kienu ilhom ma jersqu fuq il-post xi għoxrin ġurnata qabel ma sar ir-rapport (li sar fil-11 ta' Diċembru) u għalhekk ċertament li l-azzjoni ġiet ippreżentata entro x-xahrejn.

**13.** Dwar l-ilment li l-ewwel Qorti injorat ix-xiehda ta' xhud indipendenti Louis Agius jgħidu li l-ewwel nett huwa dibattibbli kemm dan ix-xhud huwa indipendenti meta tressaq il-Qorti mingħajr ma nħarġitlu inġunzjoni. Apparti dan jgħidu li Qorti waslet għall-konlużjonijiet tagħha mhux għax injorat ix-xiehda tiegħu imma għax meta marret tagħmel l-aċċess rat biċ-ċar li l-ħajt kien inbena riċentement.

**14.** Dwar ir-raġjonament tal-konvenuti appellanti li kieku verament kien spoll l-atturi appellati kienu jaraw ix-xogħlijiet qegħdin isiru, l-atturi jargumentaw illi l-istess Louis Agius ma kienx imur kuljum u għalhekk huwa verosimili li dak li seħħ seta' faċilment sar bejn l-1 u l-10 ta' Diċembru 2010 meta huma ma kinux fl-inħawi.

**15.** Dwar l-aħħar kumment tal-konvenuti appellanti li *dato ma non concesso* li sar l-att spoljattiv ma ġiex ippruvat li kienu huma li wettqu dan l-ispoll, l-atturi appellati jirrilevaw li l-ħajt tressaq ċirka żewġ piedi fl-art tagħhom biex b'hekk intrebħu l-istess żewġ piedi fl-art tal-konvenuti appellanti, u jikkummentaw illi żgur li ħadd ma hu ser jieħu biċċa xogħol għal xejn ħlief jekk se jiggwadanja iktar art bl-istess ċaqliq.

**16.** Għaldaqstant l-atturi jitolbu lil din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti appellanti.

**<u>Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:</u>**

**17.** Din hija kawża ta' spoll fejn qed jiġi allegat li l-konvenuti jew min minnhom tefgħu ħamrija fil-proprjeta` posseduta mill-atturi u mmodifikaw il-ħajt tas-sejjiegħ b'mod li ġie aktar wiesgħa jew iktar 'il barra milli kien, bil-konsegwenza li l-proprjeta` posseduta mill-atturi ċkienet.

**18.** Il-konvenuti jinnegaw li l-ħajt ġie spustjat u jsostnu li l-ħajt preżenti huwa fil-fatt l-istess ħajt li kien inbena xi seba' snin qabel. L-ewwel Qorti ma aċċettatx din il-verżjoni. Jidher li fl-aċċess li inżamm fuq il-post l-ewwel Qorti kienet ikkonstatat li l-ħajt effettivament kien iċċaqlaq mill-pożizzjoni oriġinali tiegħu u li kien jidher li inbena riċentement u mhux snin qabel. Apparti l-fatt li kkonstatat b'għajnejha stess li l-att lamentat mill-atturi kien fil-fatt seħħ, hija kkummentat illi tenut kont tal-fatt li l-partijiet huma imqabdin ma xulxin ma tantx titwemmen li l-atturi ma ħadux azzjoni meta sar il-ħajt u qagħdu jistennew is-snin biex jagħmlu dan. Konsegwentement hija laqgħet it-talbiet tal-atturi.

**19.** Il-konvenuti ħassew ruħhom aggravati bil-konklużjoni tal-ewwel Qorti. Mir-rikors tal-appell tagħhom jidher li l-element tal-pussess (possedisse) mhux ikkontestat. Dak li qed jiġi kkontestat minnhom huwa l-element tal-ispoll (spoliatum fuisse) u l-element taż-żmien (*infra bimestre deduxisse*).

<u>1. *Spoliatum fuisse*</u>

**20.** Il-konvenuti appellanti, kuntrarjament għal dak allegat mill-atturi appellati, jibqgħu jsostnu li mhux minnu li l-ħajt ġie spustjat.

*Il-pjanta u r-ritratti esebiti mill-atturi:*

**21.** Da parti tagħhom l-atturi appellanti jsostnu li huma ppruvaw bi pjanta u ritratti li dan l-istess ħajt effettivament intmess minn kif kien inbena snin qabel.

**22.** Fuq il-pjanta PG3[1] a fol 17 tal-proċess l-attur Philip Gauci fix-xiehda tiegħu[2] immarka fejn kien hemm il-ħajt l-antik bl-ittra "x". Huwa spjega li qabel ma ġie spustjat, il-ħajt kien jinsab 'l barra mill-kamra li tinsab fil-viċin. Fil-fatt jekk wieħed jagħmel riga mal-ħajt tal-kamra fuq din il-

[1] Li hija print-out mis-sit elettroniku tal-MEPA, datat 05.05.2011
[2] 7 ta' Lulju 2011, fol 1-6

pjanta u jaqta' linja, jirriżulta biċ-ċar li l-ħajt tas-sejjiegħ ma jiriżultax bi drittha, iżda ftit 'il barra minnha.

**23.** Jekk wieħed jara ir-ritratt PG1 (li skont ix-xhud Louis Agius huwa l-istess ħajt li bena hu snin qabel) hawnhekk ukoll il-ħajt tas-sejjiegħ jidher li kien ftit 'il barra mill-kantuniera tal-kamra. Fir-ritratt PG2 imbagħad, il-ħajt jidher iktar bi dritt il-kantuniera tal-kamra. Meta wieħed iqabbel dawn iż-żewġ ritratti jidher pjuttost ċar li l-ħajt ġie spustjat 'il ġewwa, aktar bi dritt il-kamra.

*L-access li għamlet l-ewwel Qorti:*

**24.** Barra l-pjanta u r-ritratti hemm imbagħad il-fatt li l-ewwel Qorti kienet għamlet aċċess fuq il-post sitt xhur wara li sar l-allegat spoll[3]. Fis-sentenza spjegat li rat b'għajnejha stess li l-ħajt kien inbena riċentement u li kien ġie spustjat. Din il-Qorti ma taqbilx li bil-fatt li l-ewwel Qorti waslet għal din il-konklużjoni kienet qed tissostitwixxi ruħha minflok l-atturi appellati, kif qegħdin jargumentaw il-konvenuti appellanti. Jekk l-ewwel Qorti meta kienet fuq il-post osservat li l-ħajt kien jidher spustjat u li kien inbena riċentement dan il-fatt fih innifsu jikkostitwixxi prova. (U dan indipendentement mill-kumment li għamlet fis-sens illi tant kienu imqabbdin bejniethom il-partijiet li ma tantx titwemmen li l-atturi qagħdu jistennew is-snin biex jieħdu azzjoni).

*Il-fatt li l-atturi ma rawx l-att spoljattiv qed isir:*

**25.** Lanqas ma taqbel li l-ewwel Qorti ma setgħetx tasal għal tali konklużjoni meta l-atturi ma raw lil ħadd jagħmel ix-xogħol fiż-żmien li sar l-allegat spoll. Ħaġa ma teskludix l-oħra. Mhux neċessarju li dak li jkun jara l-att spoljattiv qed isir biex ikollu l-prova li l-att spoljattiv sar. Anzi l-Artikolu 535 saħansitra jitkellem fuq it-teħid tal-pussess klandestinament.

*Is-sinjali li allegatament imbarxu*

---

[3] Fit-13 ta' Ġunju 2011

**26.** Il-konvenuti appellanti jgħidu li fl-aċċess li kien sar fil-proċeduri kriminali quddiem il-Maġistrat Consuelo Scerri Herrera fi Frar tal-2011, Louis Agius (dak li kien bena l-ħajt snin qabel) kien ivverifika li s-sinjali li huwa kien bena l-ħajt magħhom kienu għadhom viżibbli. Jirrilevaw illi ritratti tal-istess sinjali ġew ippreżentati fl-atti tal-proċess[4]. Louis Agius fix-xiehda tiegħu f'dawn l-atti ikkonferma li kien mar fuq il-post propju fi Frar 2011 u kien ra li s-sinjali taż-żebgħa li huwa kien mexa magħhom meta bena l-ħajt kienu għadhom jidhru. Huwa ikkonferma li l-ħajt li kien ra meta mar fuq il-post fi Frar 2011 kien l-istess wieħed li bena hu proprju minħabba s-sinjal taż-żebgħa.[5]

**27.** Il-konvenuti appellanti jżidu jgħidu li dawn is-sinjali sussegwentement ġew mibruxa minn persuni mhux identifikati u huma kienu irrilevaw dan il-fatt dak in-nhar li sar aċċess quddiem l-ewwel Qorti. Fix-xiehda tiegħu pero` il-konvenut Charles Gauci jgħid l-oppost, u cioe` li meta kien mar l-imħallef fuq il-post (f'Ġunju 2011) is-sinjali kienu għadhom hemm. "*Sa meta ġejt inti sur Imħallef kienu għadhom hemm.*"

**28.** Din il-Qorti tosserva li fil-verbal tal-aċċess (fol 13) ma tniżżlet l-ebda rimarka fir-rigward ta' xi sinjali: la li l-konvenuti kienu ġibdu l-attenzjoni tal-ewwel Qorti li kien hemm sinjali li tneħħew (kif qed jgħidu li ġara l-konvenuti fir-rikors tal-appell tagħhom), u lanqas li kienu għadhom hemm (kif xehed il-konvenut Charles Gauci). Tosserva wkoll li meta l-pulizija kienu kellmu lill-konvenuti fuq il-post ma jidhrix li għamlu xi riferenza għas-sinjali għaliex fil-fatt ma tniżżel xejn fir-rigward fuq l-okkorrenza.

**29.** Il-Qorti hi għalhekk tal-fehma li l-provi li saru dwar is-sinjali msemmija ma humex tali li tista' tistrieħ fuqhom. Għalkemm il-konvenuti esebew xi ritratti fl-atti ta' din il-kawża li jindikaw marki oranġjo mhux ċar meta dawn fil-

[4] Il-konvenuti esebew ħames ritratti immarkati Dok AG1, AG3, AG4, AG5 u AG7 (fol 53 tal-proċess)

[5] *Xhud: Nikkonferma li l-ħajt li għamilt jien.*
*Dr Mallia: Kif tista' tikkonfermah dan?*
*Xhud: Għax hemm is-sinjal taż-żebgħa.*

fatt ittieħdu u għalhekk la jikkonfermaw li l-ħajt ġie spustjat u lanqas li baqa' fejn kien. Dan apparti l-fatt li marki taż-żebgħa mhux xi prova assoluta, peress li jistgħu jinżebgħu jew jinbarxu kif jaqbel lil dak li jkun.

*Ix-xiehda ta' Louis Agius, "terza persuna oġġettiva"*

**30.** Il-konvenuti appellanti jilmentaw li l-ewwel Qorti injorat ix-xiehda ta' Louis Agius, "terza persuna oġġettiva" li kien dak li bena l-ħajt snin qabel u li fix-xiehda tiegħu ikkonferma li l-ħajt preżentament huwa l-istess ħajt li kien bena hu u li għalhekk ma ġiex imċaqlaq.

**31.** Kif diġa ingħad, Louis Agius effettivament xehed li l-ħajt għadu kif kien hu meta bnieħ snin qabel. Huwa veru li l-ewwel Qorti ma għamlet l-ebda riferenza għax-xiehda tiegħu. B'danakollu ma jfissirx li l-ewwel Qorti "injorat" din ix-xiehda. Il-qrati mhux mistennija jikkummentaw fuq kull prova li tiġi mressqa quddiemhom u l-fatt li ma jkunux ikkummentaw fuq xi prova ma jfissirx li ma jkunux eżaminawha u kkunsidrawha bir-reqqa. Jekk l-ewwel Qorti ma kkummentatx fuq il-kontenut tax-xiehda ta' Agius aktarx li kien għaliex dehrilha li tali xiehda ma kienx ta' min jorbot fuqha, speċjalment in vista tal-fatt li hija kienet marret fuq il-post u kkonstatat li l-ħajt kien jidher li sar riċentment u kien anke jidher li kien iċċaqlaq mill-pożizzjoni oriġinali. Dwar l-aċċenn għall-fatt li Agius huwa "terza persuna oġġettiva", il-fatt innifsu li xhud ma jkunx parti fil-kawża ma jfissirx li x-xiehda tiegħu hija mija fil-mija affidabbli.

*Il-possibilita` o meno li l-ħajt jiġi spustjat fiż-żmien li l-atturi kienu assenti mill-post:*

**32.** Biex jippruvaw ikomplu jsaħħu t-teżi tagħhom li l-ħajt qatt ma ġie spustjat, il-konvenuti appellanti jargumentaw illi in vista tal-fatt li Louis Agius xehed li meta kien bena l-ħajt kien dam tlett ġimgħat, u għalhekk biex jiġi spustjat bilfors li jittieħed iktar żmien, huwa ferm diffiċli li l-atturi ma rawx xi xogħlijiet qegħdin isiru kemm jekk kien fil-perjodu ta' għoxrin jum qabel l-10 ta' Diċembru 2010 u kemm jekk kien fil-perjodu ta' bejn l-1 u l-10 ta' Diċembru 2010.

**33.** Kif josservaw l-atturi appellati fir-risposta tagħhom, għalkemm huwa minnu li Louis Agius xehed li kien dam tlett ġimgħat jibnih, xehed ukoll li ma kienx imur jaħdem kuljum u kien jaħdem ftit siegħat biss. "*Ma kontx nagħmlu minn fil-għodu sa fil-għaxija b'hekk ikkalkulajt tlett ġimgħat jien….ma kontx immur kuljum.*" Isegwi għalhekk li kieku min bena l-ħajt mill-ġdid kien imur kuljum u kien jiddedika sigħat twal jaħdem fuq il-ħajt biss, kien ilestih f'ħafna inqas minn tlett ġimgħat u għaldaqstant mhix inverosimili li l-ispustjar tal-ħajt seħħ fil-perjodu li fih l-atturi ma marrux fuq il-post (kemm jekk kien fil-perjodu ta' għoxrin jum qabel l-10 ta' Diċembru 2010 u kemm jekk kien fil-perjodu ta' bejn l-1 u l-10 ta' Diċembru 2010.)

*L-assenza ta' prova li l-att spoljattiv sar mill-konvenuti:*

**34.** Il-konvenuti appellanti jargumentaw illi l-atturi mhux talli ma raw lil ħadd jibni l-ħajt mill-ġdid talli qatt ma raw proprju lilhom (lill-konvenuti) jagħmlu x-xogħlijiet lamentati minnhom fiż-żmien li sar l-allegat spoll. Jgħidu li *dato ma non concesso* li l-att lamentat mill-atturi effettivament sar, ma hemm l-ebda prova li kienu fil-fatt huma li għamluh.

**35.** B'danakollu, tenut kont tal-fatt li kienu l-konvenuti l-uniċi benefiċċjari tax-xogħlijiet li saru bir-riżultat li meta l-ħajt in kwistjoni ġie spustjat fuq l-art tal-atturi l-art tal-konvenuti rebħet iktar spazju, il-Qorti hi sodisfatta li x-xogħlijiet in kwistjoni saru mill-konvenuti jew fuq inkarigu tagħhom.

**36.** In vista tas-suespost, din il-Qorti ma tarax għalfejn għandha tiddisturba l-konklużjoni tal-ewwel Qorti meta kkonkludiet li l-ħajt kien spustjat, u dan mhux biss għaliex hija stess kellha l-opportunita` tapprezza l-affarijiet di *prima persona* u wara biss ftit xhur minn meta seħħ l-allegat spoll, iżda wkoll għaliex fil-fehma ta' din il-Qorti il-pjanta u r-ritratti esebiti mill-atturi jkomplu jsaħħu din il-konklużjoni.

2. *Infra bimestre deduxisse*

**37.** Il-konvenuti appellanti jissottolinejaw il-fatt li l-atturi ma kinux "konsistenti fil-verżjoni tagħhom dwar iż-żmien meta sar l-allegat spoll" u dan għaliex għalkemm jgħidu li kien ilhom xi għoxrin jum ma jersqu fuq is-sit in kwistjoni, fir-rapport tal-pulizija ddikjaraw li l-ħajt kien ġie mressaq bejn l-1 ta' Diċembru u l-10 ta' Diċembru 2013.

**38.** Fil-fatt huwa minnu li meta l-atturi fil-11 ta' Diċembru 2010 għamlu rapport tal-pulizija huma ddikjaraw li l-ħajt kien tressaq propju bejn l-1 u l-10 ta' Diċembru 2010. (Fir-rikors ġuramentat tagħhom iddikjaraw li l-modifikazzjoni fil-ħajt saret "*fl-10 ta' Diċembru 2010 jew fil-jiem immedjatament qabel*.")

**39.** L-atturi appellati jgħidu li ndunaw bl-ispustjar tal-ħajt f'xi żmien qabel il-Milied. Fil-fatt isemmu l-"Milied" diversi drabi u jorbtu l-okkorrenza mal-ġranet tal-"Milied". Jidher li ma kinux ikunu assenti mill-ambjenti għal perjodi twal, fil-fatt mistoqsi kemm kienu jersqu bi frekwenza lejn ir-raba, Carmelo Gauci irrisponda li "*F'ġurnata ġieli morna darbtejn u f'ġimgħa ġieli ma morna xejn*. Philip Gauci xehed li ġieli għamlu ġimgħa jew ħmistax ma jersqux 'l hemm. Speċifikatament fir-rigward taż-żmien in kwistjoni, mistoqsi meta kienet l-aħħar darba li kienu marru fuq il-post qabel l-10 ta' Diċembru 2010 (u cioe` d-data li fiha indunaw bl-ispustjar tal-ħajt), Carmelo Gauci xehed li kien "*bejn wieħed u ieħor qisu xi għoxrin ġurnata qabel l-10 tax-xahar*." Philip Gauci xehed illi mill-aħħar darba li kienu marru "*Xi ħmistax jew għoxrin ġurnata wara morna u sibna l-ħajt, ma baqax fejn kien, resquh ġo tagħna*."

**40.** Jirriżulta għalhekk li hemm xi inkonsistenzi fir-rigward ta' meta kienet eżattament l-aħħar darba li kienu marru fuq il-post qabel ma ndunaw bil-ħajt: (u cioe` kienx għoxrin, ħmistax jew għaxart ijiem qabel) iżda dawn m'humiex inkonsistenzi li jaffettwaw ir-rekwiżit tal-*infra bimestre deduxisse* fil-każ in kwistjoni. Il-kawża saret fl-14 ta' Jannar 2011. Kemm jekk il-ħajt inbena fl-1 ta' Diċembru 2010 u kemm jekk fil-fatt inbena għoxrin jum qabel l-10 ta' Diċembru 2010 jirriżulta li l-azzjoni saret entro x-xahrejn mill-att spoljattiv.

**<u>Decide</u>**

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiċħad l-appell tal-konvenuti appellanti u tikkonferma s-sentenza appellata.

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jiġu sopportati mill-konvenuti appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------